MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 866/1991/1

**Mario Mallia u Mary Mallia bhala Diretturi ghan-nom u in rappresentanza ta' D. Club Limited u Pauline Miceli bhala Direttur ghan-nom u in rappresentanza ta' Flint Limited**

**vs**

**Francis Bezzina Wettinger**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni tas-7 ta' Awissu, 1991 ipprezentata quddiem l-Qorti tal-Kummerc ta' dak iz-zmien, l-atturi ppremettew illi b'konvenju tal-21 ta' Awissu, 1989, redatt quddiem l-Avukat Dottor Domnic Cassar, il-konvenut ipprometta u obbliga ruhu li jbiegh u jittrasferixxi lill-atturi nomine porzjoni ta' art f'Bahar ic-Caghaq bil-prezz ta' tlettax-il elf lira maltija (LM13,000) u bil-kondizzjonijiet l-ohra li jirrizultaw mill-istess konvenju li kopja tieghu giet annessa mac-citazzjoni u markata "Dokument A"; illi l-atturi nomine hallsu it-LM13,000 tal-prezz kwantu ghal LM6,500 fuq l-imsemmi konvenju u kwantu ghal LM6,500 ohra fil-15 ta' Frar, 1990, skond kif jirrizulta mill-annessa kopja ta' ricevuta markata "Dokument B"; illi peress illi l-kuntratt finali ma sarx u irrizulta li ma jistax isir minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut; u peress illi l-istess konvenut, interpellat biex jirrifondi s-somma ta' M13,000 lilu mhallsa indebitament, flimkien mal-interessi kummercjali relativi skond id-dati kif gew effettwati l-pagamenti, baqa inadempjenti; talbu li dik il-Qorti:-

1. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi nomine s-somma ta' tlettax-il elf lira maltija (LM13,000) bl-interessi kummercjali relativi, skond id-dati li fihom gew effettwati il-pagamenti, dovuti kif fuq spejgat.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-26 ta' Lulju, 1991 kontra l-konvenut minn issa ngunt biex jidher u ghas-subizzjoni.

B'nota tad-19 ta' Settembru, 1991 l-konvenut eccepixxa:-

1. Preliminarjament illi c-citazzjoni hija nulla peress illi ma gewx imfissrin car u sewwa l-oggett u r-raguni tat-talba.
2. Preliminarjament in-nullita` tat-talba attrici stante li mhix preceduta minn talba ghal dikjarazzjoni ta' responsabbilita`.
3. Preliminarjament ukoll in-nullita` tan-nota tax-xhieda u tan-nota ta' dokumenti esibiti peress illi dawn la fihom indikazzjoni tal-Qorti u l-anqas tal-okkju kif jistipula mandatorjament il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

4. Preliminarjament dejjem l-intempestivita` tal-azzjoni odjerna stante li bejn il-partijiet kienu ghaddejjin trattativi ghal soluzzjoni bonarja tal-vertenza u l-partijiet diga kienu ftehmu kif ser jigu saldati il-pendenzi ta’ bejniethom meta f’daqqa wahda b’sorpriza kbira l-eccipjent jircievi din ic-citazzjoni.
5. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju, mhux minnu li l-kuntratt finali ma sarx u li rrizulta li ma jistghax isir minhabba ragunijiet imputabbli lill-eccipjent u ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi michuda.

**Is-sentenza appellata.**

B’sentenza tat-22 ta’ Mejju, 1998 il-Prim Awla tal-Qorti Civili, li issa kienet assumiet responsabbilita` ghall-kawzi ta' natura kummercjali, laqat it-talba attrici u kkundannat lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ tlettax-il elf lira (LM13,000) dovuta lilhom kif inghad, **bl-imghax legali mid-data tas-sentenza** (enfazi ta’ din il-Qorti). Il-Qorti wkoll ikkundannat lill-konvenut ihallas l-ispejjes tal-kawza.

Mhux relevanti li hawn jigu riprodotti l-konsiderazzjonijiet ta’ l-ewwel qorti sabiex waslet ghad-decizjoni taghha fir-rigward tal-eccezzjonijiet preliminari u fir-rigward tal-meritu u dana billi l-appell tas-socjetajiet attrici li jikkoncerna din il-Qorti huwa limitat ghal kwistjoni tal-imghax akkordat mill-ewwel qorti. Infatti fir-rikors taghhom l-appellanti jsostnu li, kuntrarjament ghal dak li ddecidiet l-ewwel qorti, l-imghax fuq il-kapital ghandu jibda jiddekorri mid-dati ta meta saru l-pagamenti rispettivi.

Il-konvenut ma ressaq ebda appell mis-sentenza fuq imsemmija u talab biss li din tigi konfermata prevja c-cahda tal-appell tal-atturi u dana stante li, kif jghid l-istess konvenut appellat, fis-sentenza taghha l-ewwel qorti accettat dak li kien intqal minnu fl-affidavit tieghu dwar l-iskop tal-pagament tal-elf lira maltija LM1000, liema affidavit jinsab a fol. 56 ta’ l-atti.

Dan premess jigi rilevat biss li fis-sentenza appellata l-ewwel qorti cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, kemm dawk preliminari kif ukoll fil-meritu u b’hekk laqghat

it-talbiet attrici kif dedotti hlief li finalment akkordat lill-atturi imghax mid-data tas-sentenza. Ghalhekk l-kwistjonijiet l-ohra kollha, inkluz il-fatt li l-kuntratt ma giex ppubblikat ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut illum ghaddew in gudikat.

**Is-sentenza ta’ din il-Qorti.**

B’att ta’ konvenju tal-21 ta’ Awissu, 1989 il-konvenut obbliga ruhu li jbiegh u jittrasferixxi porzjoni art lis-socjetajiet attrici versu l-prezz ta’ LM13,000, b’dana li l-kuntratt kellu jigi ppublikat fi zmien sitt xhur mid-data tal-konvenju. Il-prezz thallas kollu billi nofsu thallas fuq il-konvenju u l-bilanc thallas fil-15 ta’ Frar, 1990, skond ma jidher mid-dokumenti ezebiti a fol 6 u 8 tal-process. B’dana kollu l-kuntratt ma giex ppubblikat u, skond is-sentenza appellata, dan gara minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut. Konsegwentement l-istess konvenut kien obbligat li, ma’ l-iskadenza tal-konvenju, jirrifondi l-ammont percepit minnu u li kien thallas mill-atturi bhala prezz tal-art in vendita stante li issa l-istess konvenut kien qed izomm dawn il-flus indebitament. Fin-nuqqas ta’ din ir-rifuzjoni l-konvenut kien obbligat li jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-atturi, kalkolati bir-rata ta’ tmienja fil-mija fuq il-kapital, kif previst fl-artikolu 1139 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

L-artikolu 1141 tal-Kodici Civili jipprovdi li *jekk l-obbligazzjoni tkun ta’ xorta kummercjali jew jekk il-ligi tkun tiddisponi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew ighaddu ipso jure, <u>l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak inhar li l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita.</u>*” F’kull kaz iehor, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak inhar illi ssir sejha ghall-hlas b’att gudizzjarju, ghalkemm fil-ftehim ikun gie stabbilit zmien ghall-esekuzzjoni ta’ l-obbligazzjoni.

Is-sentenza ta’ l-ewwel qorti akkordat l-imghax mid-data tas-sentenza minghajr ma qalet ghala kien qed jigi deciz hekk. Mil fuq espost jidher li l-ewwel qorti kienet zbaljata nkwantu l-imghax jew kellu jigi akkordat mid-data meta l-ammont kellu jigi mhallas lura, u dana f’kaz li l-obbligazzjoni kienet wahda kummercjali, jew, jekk l-

obbligazzjoni ma kienetx ta' natura kummercjali, dan l-imghax ghal anqas kellu jibda jigi komputat mid-data tal-presentata tal-att gudizzjarju stante li l-ammont reklamat bhala kapital kien wiehed determinat, u dana kif gie diversament ritenut u deciz minn din il-Qorti.

Fil-kaz in ezami l-konvenju in kwistjoni kien ta' natura kummercjali billi minn banda wahda kien hemm l-element spekulattiv da parti tal-konvenut filwaqt li l-akkwirenti prospettivi kienu zewg socjetajiet kummercjali. Infatti l-istess konvenut gie mharrek quddiem il-Qorti tal-Kummerc u ma ressaq ebda eccezzjoni fir-rigward.

Minn dan jidher li l-aggravju tal-appellanti huwa gustifikat billi fil-kaz in ezami ghandhom japplikaw ir-regoli enuncjati fl-artikolu 1141 fuq citat u b'hekk l-imghax jigi akkordat mid-data tal-iskadenza tal-konvenju, u cioe` mit-22 ta' Frar, 1990 u mhux mid-dati tal-pagamenti rispettivi kif mitlub fic-citazzjoni u fir-rikors tal-appell inkwantu l-obbligazzjoni tar-restituzzjoni sehhet dak inhar li skada l-konvenju.

Illi ghar-rigward ta' dak li qed jigi sottomess mill-konvenut appellat fir-risposta tieghu jigi rilevat li l-pagament maghmul minnu fil-mori tal-proceduri quddiem l-qorti ta' l-ewwel grad, ma ghandu x'jaqsam xejn mal-kwistjoni ta' meta kellhom jibdew jiddekorru l-imghaxijiet fuq il-kapital. Infatti fl-affidavit tieghu (fol 56) l-konvenut jghid espressament hekk: "*fit-23 ta' Settembru, 1994 iltqajt man-Nutar Miceli fi Triq ir-Repubblika u qalli 'dik il-kwistjoni ghax ma naqtawiex cioe` ittini xi haga ghall-<u>ispejjes</u> u naghmlu l-kuntratt.*" Wara din il-konversazzjoni l-konvenut hallas LM1000 izda xorta wahda ma giex ippubblikat l-kuntratt. Minn din ix-xhieda din il-Qorti ma tistax tifhem dak li qed jigi allegat mill-konvenut u cioe` li dan il-pagament kellu jkun ghas-saldu tad-danni kollha in forma ta' imghax, dovuti minhabba l-inadempjenza tieghu. Se mai dan il-pagament ghandu jmur kontra l-imghax dekorsi skond ma jipprovdi l-artikolu 1169(2) tal-Kodici Civili.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell interpost mis-socjetajiet attrici qed jigi milquh billi din il-Qorti qeghdha

tirriforma s-sentenza appellata nkwantu tikkonfermaha fejn laqghet it-talba attrici u kkundannat lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' tlettax-il elf lira Maltija (LM13,000) bl-ispejjes kontra l-konvenut appellat u timmodifika l-istess sentenza nkwantu tordna li l-imghax legali ta' tmienja fil-mija fuq is-somma imsemmija, jibda jiddekorri mit-22 ta' Frar, 1990 b'dana li kull pagament maghmul fil-mori tal-kawza ghandu jigi kreditat kontra l-imghax hekk dovut.

Fic-cirkostanzi l-ispejjes ta' dan l-appell ghandhom jigu sopportati fi kwoti ugwali mill-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------